# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 850

KAZ NRU. 1044

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin
Taqsima Manifattura,
Servizzi u Haddiema Alleati

u

RO.VE.R. Mfg Co Ltd

dwar tkeccija ta’ erba’ haddiema allegata li hi ngusta

Data : 26 ta’ Gunju 1997

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta’ ittra datata 6 ta’ Gunju, 1996 riferenza ME 4/95/152/II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni tax-xoghol skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## 2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellanti kienu irrapprezentati mis-sur Joseph Morana Segretarju tat-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin.

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-sur Alfred Bellizzi Segretarju Generali ta' l-Assocjazzjoni ta' min ihaddem assistit l-ewwel mis-sur Mark Rota u aktar tard mis-sur Donald Vassallo.

## 3. LISTA TA' XHIEDA

3.1 Ghall-appelanti xehdu :

Arthur Thomas
Patrick Thomas
u l-erba' appellanti nfushom
Jeffrey Fenech
Sandro Fenech
Stephen Micallef
Leonid Sammut

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :

Charles Cassar
David Foley
Mark Rota
Donald Vassallo

3.3 Vincent Agius kien xhud komuni.

## 4. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

4.1 L-appellanti pprezentaw id-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.1.1 l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi l-lista tax-xhieda Dok 1

4.1.2 estratt mill-gazzetta *KULLHADD* mahruga nhar il-21 t'April 1996 Dok 3

4.1.3 is-sottomissjonijiet finali Dok 4.

4.2 Il-kumpanija pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht :

4.2.1 l-istqarrija tal-kaz Dok 2

4.2.2 ittra datata 22 ta' Lulju, 1996 mibghuta lis-Segretarju tat-Tribunal li kienet tinkludi lista tax-xhieda Dok 5

4.2.3 tlett ittri datati 12 u 14 ta' Novembru 1996 u s-6 ta' Jannar 1997 kollha dwar rapprezen-tanza quddiem it-Tribunal Dok 6, 7 u 8

4.2.4 ittra minghajr data dwar il-hatra ta' Donald Vassallo biex jassisti lis-sur Alfred Bellizzi quddiem it-Tribunal Dok 9

4.2.5 kopja ta' *fax* datata 22 ta' Frar 1996 minn ghand E. Mifsud tat-Topaz Apart Hotel lil RO.VE.R Mfg Co Ltd dwar xoghol pendenti Dok 10

4.2.6 kopja ta' *fax* datata 26 ta' Frar, 1996 bi twegieba ghal 4.2.5 ta' hawn fuq Dok 11

4.2.7 l-istqarrija finali Dok 12.

5. **<u>TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET</u>**

5.1 L-appellanti stqarru li :

5.1.1 nhar l-14 ta' Dicembru, 1995 il-Union talbet

lill-kumpanija l-gharfien biex tirrapprezenta lill-haddiema

5.1.2 nhar il-11 ta’ Jannar 1996 saret laqgha bejn il-partjiet li tulha ma ntlahaqx ftehim dwar l-gharfien

5.1.3 l-ghada saret laqgha li matulha l-kumpanija gharrfet lill-Union li kienet se taghti s-sensja lil tliet impjegati minhabba nuqqas ta’ xoghol. Waqt l-istess laqgha l-Union ippropo-niet gimgha  mnaqqsa ta’ erbat ijiem min-flok is-sensji. Il-partijiet qablu li din il-proposta kellha titwassal ghand il-haddiema

5.1.4 qabel ma wasal iz-zmien tal-laqgha, l-kumpani-ja gharrfet lill-Union li l-avviz tas-sensja kien se jigi irtirat

5.1.5 nhar it-2 ta’ Frar 1996 il-Union regghet kitbet lill-kumpanija biex jibdew in-negozjati dwar ftehim industrijali

5.1.6 erbat ijiem wara l-kumpanija gharrfet lill-Union li kienet se taghti s-senja lil erba’ haddiema minhabba nuqqas sostanzjali ta’ xoghol fit-taqsima tas-servizzi. Is-sensji sehhew minghajr ebda attentat serju ta’ offerti ta’ impjeg alternattiv

5.1.7 ftit wara li sehhew is-sensji l-kumpanija harget avvizi fl-Istampa Lokali biex jiddahhlu haddiema minflok dawk issensjati

5.1.8 fid-dawl ta’ dan kollu l-appellanti sostnew li t-tkeccija taghhom ghal raguni ta’ nuqqas

ta’ xoghol ma kinitx genwina.

5.2 Il-kumpanija stqarret li :

5.2.1 sa minn zmien qabel it-temm ta’ l-impjieg ta’ l-appellanti l-kumpanija kienet hadet deciz-joni mahsuba biex tkabbar l-attivitajiet taghha ta’ bejgh minhabba tnaqqis fix-xoghol ta’ servizzi

5.2.2 matul l-ahhar sena qabel ma sehhu s-sensji kienet diga’ hadet passi biex il-haddiema fit-taqsima tas-servizzi jonqsu minn disgha ghal sitta. Dawn is-sitta saru tnejn wara s-sensja ta’ l-appellanti. Dan it-tnaqqis sar jew b’ rizenji volontarji jew fuq il-principju statutorju ta’ min jidhol l-ahhar jispicca l-ewwel

5.2.3 l-avvizi li hargu fl-Istampa Lokali kienu ghal kariga ta’ Technical Co-ordinator u mhux “installer” u hadd ma gie mpjegat fil-kariga ta’ l-ahhar

5.2.4 t-temm ta’ l-impjieg ta’ l-appellanti kien ghar-raguni ta’ nuqqas ta’ xoghol u talbet lit-Tribunal biex jikkonferma dan.

6. **ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET**

6.1 l-appellanti argumentaw li :

6.1.1 David Foley, Vincent Agius u Donald Vassallo ma kienux f’posizzjoni li jkunu jafu sew x’ volum ta’ xoghol kellha l-kumpanija meta ntemm l-impjieg taghhom

6.1.2 ix-xhieda tas-sur Cassar mhix konklussiva ghaliex meta ghamel l-ispezzjonijiet mehtiega fil-kumpanija ma marx kullimkien minhabba li ma kienx jaf b'certu positijiet tax-xoghol

6.1.3 x-xhieda taghhom flimkien ma' dik ta' Arthur u Patrick Thomas m'ghandha thalli ebda dubju dwar ir-raguni vera ghaliex intemm l-impjieg taghhom

6.1.4 ftit wara l-ewwel avviz tas-sensji li gew irtirati s-sur Mark Rota kien mimli entuzjazmu bil-prospetti tajbin ghal xoghol gdid. Tant hu hekk li kien esprima ruhu ma' wiehed minnhom (Leonid Sammut) li kien se jibda jimporta *solar systems, air-conditioners* u liftijiet.

6.1.5 l-kumpanija naqset li ssib alternattiva ghas-sensji bhal per ezempju l-introduzzjoni ta' gimgha mnaqqsa ta' erbat ijiem jew xoghol iehor

6.1.6 fid-dawl ta' dan kollu l-appellanti talbu lit-Tribunal jiddeciedi li :

a) l-agir tal-kumpanija kien jikser id-dritt taghhom ta' Assocjazzjoni

b) jaghti kumpens xieraq ghal tkeccija ngusta.

6.2 Il-kumpanija argumentat li :

6.2.1 l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti li s-sur Mark Rota zviluppa attitudni negattiva meta

sar jaf li kienu dahlu fil-Union, anki kieku kienu veru, ma tikser ebda Ligi

6.2.2 l-fatt li l-appellanti ntemmilhom l-impjieg ftit wara li ddahhlu fil-Union ma jfissirx li t-tieni pass sar minhabba dak precedenti. Tant hu hekk li tnejn mill-appellanti stess xehdu li qatt ma kienu mhegga jew intimidati biex ma jidhlux jew biex johorgu mill-Union. L-ohrajn li xehdu mod iehor ma kienux disin-teressati

6.2.3 ma jaghmel ebda sens kummercjali li jintemmu l-impjieg ta’ haddiema meta hemm xoghol ghalihom

6.2.4 fil-gudizzju tieghu t-Tribunal Industrijali ghandhu jaghti lir-*redundancy* it-tifsira li tinghata fir-*Redundancy, Payments Act* ta’ l-1965 tar-Renju Unit. Biex isahhah l-istess argument il-kumpanija ikkwotat id-decizjoni Numru 769 tat-Tribunal Industrijali

6.2.5 fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jirrispingi l-pretensjonijiet kollha ta’ l-appellanti u jiddikjara li t-temm ta’ l-impjieg taghhom sar minhabba *redundancy.*

## 7. **KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1 matul il-laqgha tat-12 ta’ Jannar 1996 il-Union accettat l-inkarigu li tlaqqa’ lill-haddiema biex titlobhom jaghzlu bejn sensji lil tlieta min-nies minhabba *redundancy* kawzati min nuqqas ta’ xoghol jew

gimgha mnaqqsa ta’ erbat ijiem ghal kulhadd minhabba l-istess raguni. Dan juri bic-car li l-Union kienet fehmet u qablet mal-kumpanija li kien hemm nuqqas ta’ xoghol tant li kien jirrikjedi mizuri drastici

7.2 ma hemmx dubju li t-talba tal-Union ghall-gharfien dejjqet hafna lill-kumpanija tant li d-decizjonijiet taghha f’dak iz-zmien rigwardanti t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ tlett u aktar tard erba’ haddiema ma jaghmlux sens kummercjali. Aktar minn hekk l-agir tas-sid versus il-haddiema li ssiehbu fil-Union jikser id-dritt ta’ Assocjazzjoni u ghaldaqstant kundannabbli

7.3 l-fatti sussegwenti juru li l-volum ta’ xoghol li kellha l-kumpanija kien tali li seta’ jitkompla *“b’head count”* anqas fuq medda xi ftit itwal ta’ zmien. Dak li gara kien li l-attitudni tas-sid lejn id-dritt ta’ Assocjazzjoni ipprecipitat l-ewwel decizjoni ta’ temm ta’ l-impjieg. Meta l-istess decizjoni ittiehdet aktar tard din kienet gustifikata bin-nuqqas ta’ xoghol.

8. **DECIZJONI**

It-Tribunal Industrijali ddecieda li :

8.1 t-temm ta’ l-impjieg ta’ l-appellanti sar minhabba *redundancy*

8.2 ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jintaxxa d-drittijiet ta’ kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta’ erbghin (Lm40) Liri

Maltin.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**----------------------**
**Anthony DeGiovanni**
**CHAIRMAN**

**-------------------**
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg